MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Numru 10/1994

**Ir-Repubblika ta' Malta.**

**vs.**

**Eleno sive Lino Bezzina.**

**Il-Qorti**,

## I. PRELIMINARI.

### (A) SENTENZA APPELLATA.

Rat is-sentenza moghtija fis-17 ta’ Ottubru, 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-Att ta' Akkuza 10/94.

Rat il-verdett tal-gurati moghti u registrat il-bierah li bih sabu lill-akkuzat hati ta’ omicidju volontarju ta’ John sive Ganni Mamo b’sitt (6) voti kontra tlieta (3) u dan skond l-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil Eleno sive Lino Bezzina hati ta’ omicidju volontarju ta’ John sive Ganni Mamo fit-23 ta’ Dicembru, 1993 ghal habta tal-5.30 filghaxija u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol lill-istess John sive Ganni Mamo, jew li jqieghed il-hajja f’perikolu car, ikkaguna il-mewt tal-istess John sive Ganni Mamo u dan skond l-Att tal-Akkuza.

Semghet lil Avukati rispettivi jittrattaw dwar il-piena u semghet u rat il-provi relattivi ghal-istess;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti dehrilha li kellha tikkunsidra mhux biss il-verdett tal-istess gurati li huwa l-minimu rikjest mill-ligi biex ikollhom verdett validu pero` wkoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif svolgew f’dan il-process. Mill-banda l-ohra il-Qorti hija konxja mill-interessi tas-socjeta’ u tal-familjari tal-vittma u ma tistax tinjora l-fatt li bil-verdett tal-gurija l-akkuzat instab hati ta’ wiehed mill-aktar reati gravi taht is-sistema penali taghna.

Rat l-**Artikolu 211 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-hati Eleno sive Lino Bezzina ghal sittax (16) il-sena prigunerija, bit-tnaqqis ta’ kull zmien li kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

Tikkundannah ukoll ihallas lill-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ mitejn, erba’ u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm284.25) *ai termini* tal-**Artikolu 533 tal-istess Kap. 9**, pagabbli skond il-ligi u fin-nuqqas dawn jigu konvertiti f’perjodu ulterjuri ta’ prigunerija skond il-ligi.

## (B) <u>Rikors ta' l-Appell.</u>

Rat r-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti datat l-1 ta' Novembru, 2001 li bih, filwaqt li ghamel referenza ghax-xhieda u provi kollha diga prodotti w irriserva li okkorrendo jitlob il-produzzjoni ta' provi ohra skond il-ligi, interpona appell mill-verdett u sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2001 u talab bir-rispett li din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka il-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali 17 ta' Ottubru, 2001 u tordna li jigi registrat verdett ta' mhux hati fil-konfront ta' l-esponent li konsegwentement ghandu jigi liberat minn kull htija u piena. Subordinatament u fi kwalunkwe kaz talab ukoll li din il-Qorti, f'kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta' unanimita. B'hekk issir gustizzja skond il-ligi.

Illi fil-fatt fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jippremetti:-

Illi a bazi tal-Att tal-Akkuza fuq indikat huwa gie processat quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali billi ghadda guri akkuzat talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car ikkagunalha l-mewt ta' certu John sive Ganni Mamo.

Illi l-gurija bi sitt (6) voti kontra u tliet voti (3) sabu lill-akkuzat Eleno sive Lino Bezzina hati ta' omicidju volontarju fit-termini tal-Att tal-Akkuza.

Illi b'sentenza taghha tas-17 ta' Ottubru 2001, l-Onorabbli Qorti Kriminali sabet lill-akkuzat hati skond l-Att tal-Akkuza u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghas-sittax il-sena u ordnatlu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn erba' u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm284.25) [kliem u cifri miktubin minn din il-Qorti *stante* li ghal xi raguni jew ohra, l-appellant hallihom barra mir-rikors ta' l-appell tieghu] spejjes peritali fi zmien sitt xhur.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

Illi fit-22 ta’ Dicembru, 1993 John sive Ganni Mamo, kien mar sab l-appellant sabiex jithallas xi flus li kien jippretendi li kellu jiehu minn ghandu. Gara illi l-appellant ma kellux il-flus biex ihallas lil John sive Ganni Mamo u dan ta’ l-ahhar hadu f’post imwarrab il-Mellieha u fid-daqqa u l-mument hareg arma tan-nar, ried johrog il-barra u spara tir fl-arja. Ovvjament l-appellant kien imwerwer u bezghan minnu. Dan kollu sar fil-presenza ta’ Veronica Galea. Wara Ganni Mamo u Veronica Galea hadu l-appellant lura Sta Venera, ta’ l-ahhar avza l-mara tieghu biex tiehu t-tfal u tmur toqghod ghand ommha. Ftit wara, l-appellant kien qed isuq fit-Triq tar-Rabat u ra vettura b’zewg persuni go fiha li minnha gew sparati tliet tiri b’arma tan-nar. L-ghada, l-appellant mar ikellem lil John sive Ganni Mamo u deher bic-car li l-intenzjoni ta’ Mamo kienet li jisparalu jekk ma jhallasx. Wara nofsinhar John sive Ganni Mamo u Veronica Galea marru d-dar ta’ l-appellant u ried il-flus. Meta ra li ma kellux flus, John sive Ganni Mamo ta’ daqqa ta’ sieq fil-bieba tal-karozza ta’ l-appellant. Wara hadu mieghu ghand habib tieghu, certu Victor Cassar u deher bic-car li kien fis-sakra. Hemmhekk John sive Ganni Mamo baghat lill-appellant biex igib flixkun *whisky* u dan ghamlu permezz tal-karozza ta’ Veronica Galea u fir-remissa ta’ Victor Cassar, f’Hal-Qormi, kien hemm diversi persuni jitkellmu. Fil-hin u l-mument John sive Ganni Mamo qabad argument ma’ l-appellant fuq il-flus, u ghal xi hin kien qisu li kollox ikkwieta. Meta kulhadd gie biex jitlaq John sive Ganni Mamo rega’ beda l-argument fuq il-flus u uza kliem baxx ma’ l-appellant. L-appellant gie aggredit minn John sive Ganni Mamo u l-appellant hass xi haga kiesha ma’ halqu li haseb li kienet l-arma tan-nar li ntuzat fil-gurnata ta’ qabel. L-appellant hareg haga li tixbah labra tas-suf, li kien qala’ ftit qabel minn go sigra u ta diversi daqqiet fl-istonku biex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta’ Mamo. Mamo sofra griehi u sussegwentement miet.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat kemm bil-verdett tal-gurija kif ukoll bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' Ottubru, 2001 u qed jinterponi umli appell minnhom.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

1. L-esponenti jilmenta li mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragjonevolment setghet issib htija fil-konfront tal-imputat almenu minghajr kwalifiki ta' legittima difesa u/jew provokazzjoni.

2. Li fil-kors ta' l-Indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef li ippresjeda il-guri kien hemm direttivi ta' ligi zbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni w applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati.

3. Illi inoltre fil-kors tal-guri saru bosta zbalji w irregolaritajiet procedurali b'tali mod li l-imputat ma kellux *"a fair trial"* u dan wahdu ghandu jkun bizzejjed biex din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-appell.

4. Fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anki li kieku kellu jigi accettat li l-akkuzat huwa hati, l-piena inflitta fuqu mill-ewwel Onorabbli Qorti hija eccessiva u tmur oltre dak permess mill-ligi.

Illi l-esponenti l-ewwel se jesponi l-ilmenti tieghu rigwardanti t-tielet aggravju:

**(I) IRREGOLARITAJIET WAQT IL-GURI.**

Illi fix-xhieda ta' Veronica Galea, nnegat li John sive Ganni Mamo, kien ikollu ta' spiss arma tan-nar fuqu. Mistoqsija jekk qattx qalet lil terzi li John sive Ganni Mamo kien ikun frekwentament armat, hi nnegat.

Illi l-appellant ried iressaq prova li Veronica Galea kienet qalet lil terzi, u principalment lil certu Paul Spagnol, li John sive Ganni Mamo kien ikun armat u fit-23 ta' Dicembru,

1993 kien armat anki fil-hin ta’ l-incident li fih imbaghad safa ferut.

Illi l-appellant talab l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex ikun jista’ jipproduci xhud gdid, li seta’ jitfa’ dawl gdid fuq il-verita` tal-fatti, li wara kollox hija l-iskop principali tal-guri, cioe` dik tar-ricerka ghall-verita`;

Illi b’digriet taghha tal-11 ta’ Ottubru, 2001, il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-appellant, *stante* illi skond hi x-xhieda mitluba ser ikun *hearsay evidence*. L-ewwel Onorabbli Qorti, pero` evidentement naqset li tifhem izda, li din il-prova kienet mhux biss rilevanti w ammissibbli izda li kienet certament tincidi fuq il-kredibbilita` *o meno* ta’ xhud principali tal-prosekuzzjoni, cioe` Veronica Galea, li kienet qalet li ma qalet lil hadd li John sive Ganni Mamo kien ikun armat. Id-difiza kellha dejjem id-dritt skond il-procedura taghna li ggib prova biex turi li f’okkazzjonijiet precedenti xhud kien stqarr mod iehor jew li x-xhieda tieghu ma kenitx attendibbli. Ir-regola tal-*hearsay* (*detto del detto*) fis-sistema taghna mhux assolut u huma hafna l-okkazzjonijiet li fihom il-qrati taghna ippermettew xhieda jixhdu fuq dak li jkun qalilhom haddiehor.

Illi fit-tieni lok, irregolarita` ohra fil-proceduri kienet fis-“*sample*” li l-ewwel Onorabbli Qorti tat lill-gurati biex tassistihom fir-raggungiment tal-verdett taghhom u ghal waqt id-deliberazzjonijiet taghhom: it-tieni opzjoni kienet taqra: Hati ta’ omicidju volontarju skond l-Att ta’ l-Akkuza, liema htija pero` hija gustifikata mid-difiza leggittima”.

Illi fl-**artikolu 223 tal-Kodici Kriminali** tistipula illi f’kaz ta’ legittima difiza, m’hemmx reat u b’hekk, bhala konsegwenza, l-akkuzat, cioe` l-appellant odjern, li kien qed jinvoka d-difiza ta’ legittima difiza, setghu gew indotti jahsbu li jekk jaslu ghall-konkluzjoni li kien hemm il-legittima difiza, xorta wahda kellhom isibuh hati qabel xejn mentri il-posizzjoni legali korretta kienet li jekk il-gurati kienu ser jaccettaw tali difiza, hu kellu jigi liberat u ma tinstab l-ebda htija fil-konfront tieghu. Dan holoq, bla dubju ta’ xejn, konfuzjoni fl-imhuh tal-gurati li bhala rizultat zgur fehmu li l-legittima difiza kienet forsi ser tnaqqas mir-

responsabbilita` imma mhux li tiskagunah kompletament. Il-gurati zgur ma gewx diretti biex jifhmu illi bil-legittima difiza huma kienu fid-dover li jirritornaw verdett ta' mhux hati peress li agixxa in legittima difiza. Fil-fatt qed jigi sottomess lil din l-Onorabbli Qorti li t-tieni opzoni kellha tkun f'dan is-sens u mhux kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant se jghaddi ghat-tieni aggravju:-

Illi fl-Indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef lill-gurati, gie spjegat li l-grad ta' prova li bih il-prosekuzzjoni kellha tipprova l-akkuzi migjuba kontra l-appellant, izda spjegazzjoni dettaljata bizzejjed ta' xi jfisser grad ta' prova ta' 'l hinn minn kull dubbju ragjonevoli li baqghet ma nghatax, anzi fl-Indirizz tieghu l-Imhallef bil-kemm ghamel referenza lejha.

Dan, fil-fehma tal-esponent, bil-fors garr il-konsegwenza li l-gurati ma gewx diretti sufficjentement tajjeb biex ikunu jistghu jifhmu l-portata u l-importanza ta' dan il-principju kardinali fis-sistema penali taghna. Is-soltu, dan il-principju mhux biss jigi spjegat fid-dettal mill-Imhallef li jippresjedi il-guri b'mod u b'ezempji biex jiftiehem, izda jibqa' jigi ripetut u ripetut diversi drabi tul il-kors tal-guri biex jissammar darba ghal dejjem f'mohh il-gurati. Ghalhekk kien essenzjali li tinghata spjegazzjoni cara u sufficjenti ta' dan il-principju lill-gurati – haga li ma saritx. Meta, bhal fil-kaz prezenti, ma jkun hemm ebda spjegazzjoni dettaljata tat-tifsira legali tal-grad tal-prova ta' 'l hinn minn kull dubju ragonevoli, wiehed jista' jikkonkludi li l-gurati fid-deliberazzjoni taghhom bil-fors ikunu naqsu milli jaraw jekk hemmx dubju ragonevoli. Tant hu importanti dan il-kuncett tal-grad tal-prova, li ma jisthoqqx li semplicement jissemma bhala wiehed mill-principji minghajr ma jigi spjegat, anzi ghandu jigi spjegat u ghandha tinghata enfazi kontinwa fuqu ghax jekk ma jiftiehemx sewwa jista' facilment iwassal ghal kundanna flok liberazzjoni.

Bir-rispett kollu dak li qal l-Imhallef li ppresjeda il-guri fl-Indirizz tieghu lill-gurati kien inkorrett u zbaljat, *stante* illi

kull dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk jirrizulta dubbju dwar fatt allura dak ghandu jigi konsidrat favur l-akkuzat: dan ma giex spjegat sew lill-gurati. Fid-difiza saret spjegazzjoni dettaljata, izda wkoll l-avukat sottoskritt, kien qal ukoll li l-gurati kellhom joqoghdu fuq dak li jghid l-Imhallef rigward il-ligi, izda fuq dan il-punt ma qal xejn, huwa difficli wiehed, ghalhekk, ma jeskludix li l-gurati waslu ghall-verdett meta xorta wahda kellhom dubbju.

Illi bhala konsegwenza ta' l-ispjegazzjoni inadegwata ta' dan il-principju, l-gurati probabbilment fehmu li jew jaghzlu l-htija skond l-att ta' akkuza jew wiehed mid-difizi prezentati mill-appellant u l-aktar aspett importanti cioe`, li setghu isibu l-appellant mhux hati minhabba li l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta' prova rikjest mill-ligi, ma nghatax spjegazzjoni adegwata u tajba bizzejjed tieghu. Il-gurati kellhom obbligu li l-ewwel jaraw jekk il-prosekuzzjoni pprovatx il-kaz taghha fil-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, u fin-negattiv, kellhom jieqfu hemm u jirritornaw verdett ta' mhux hati.

Nuqqas iehor ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jikkonsisti fil-fatt illi fl-Indirizz tieghu, l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda il-guri spjega l-element tal-intenzjoni fil-legittima difiza u gie spjegat lill-gurati li l-intenzjoni rikjesta mill-ligi hija dik li wiehed irid, biex jiddefendi ruhu, joqtol lil minn qed jaggredih. Izda bir-rispett kollu din kienet spjegazzjoni hazina, *stante* illi fil-legittima difiza, l-intenzjoni kriminali ma tezistix, izda l-intenzjoni tkun li jwaqqaf theddida ta' aggressjoni jew aggressjoni u mhux l-intenzjoni specifika diretta li wiehed joqtol. Il-qtil jew it-telf ta' hajja hija biss konsegwenza tad-difiza. B'hekk l-intenzjoni ta' min qed juza l-legittima difiza hija biex wiehed jipprotegi lilu nnifsu jew iwaqqaf l-aggressjoni li hu ingustament kien qed isofri.

Ilment iehor ta' l-appellant huwa fis-sens illi fl-indirizz tieghu l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri spjega li fil-kuncett ta' legittima difiza, hemm l-element fejn jekk wiehed jipprevedi l-aggressjoni ghandu jitlaq minn fuq il-post. Issa, apparti mill-fatt li dan ma johrog mill-ebda ligi, u hu biss opinjoni ta' diversi awturi lokali w internazzjonali,

il-principju logiku u konsegwenzjali huwa li wiehed ghandu, kemm jista' jkun, jevita tali aggressjoni. Mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni kien jidher car li l-appellant kien qed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni hu stess, anki sa ftit mumenti qabel l-incident finali. Izda, li wiehed jipprevedi theddid ta' aggressjoni serja trid issir immedjatament mal-bidu tat-theddida hu zbaljat. Jekk le wiehed jista' jargumenta li l-appellant seta' mill-ewwel nett jevita l-incident kollu billi jhallas lil John sive Ganni Mamo, jew jirrifjuta li jmur mieghu, jew mal-ewwel argument fir-remissa jitlaq minn fuq il-post. Sfortunatament, il-gurati gew indirizzati hazin fuq dan il-punt. *Una volta* l-appellant ma kienx qed jikkontribwixxi lejn l-aggressjoni b'xi forma ta' provokazzjoni u forsi, kif sar f'dan il-kaz, ha l-mizuri necessarji biex jipprotegi lilu inifsu fl-eventwalita li jigri xi haga, m'hemmx involut l-element ta' kif seta' jevita l-uzu tad-difiza proprja. Wara kollox wiehed li jrid jevita, mhux l-aggressjoni, specjalment meta bhal fil-kaz ta' l-appellant, kien taht theddid kontinwu minn John sive Ganni Mamo, izda li wiehed ikollu bzonn juza l-forza biex jiddefendi ruhu. B'hekk il-gurati gew indotti jahsbu li fil-mument ta' l-aggressjoni ta' John sive Ganni Mamo, l-appellant kien evidenti ghalih li ma kellux bzonn li juza forza biex jiddefendi lilu nnifsu.

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dan huwa totalment zbaljat, specjalment meta gie spjegat li t-theddida ta' aggressjoni ma tistax tkun imaginarja. Mhux ghax dan bhala principju mhux korrett, imma meta saret referenza ghax-xhieda ta' l-appellant fejn qal li ma kienx cert jekk dak li hass ma halqu dak il-hin fl-incident kinetx arma tan-nar, izda dak il-hin haseb li hu hekk, il-gurati bil-fors gew indotti jaslu ghall-konkluzjoni li jekk ma kienx cert dik kenitx arma tan-nar jew le ma kellux dritt jiddefendi ruhu! Dan hu ghal kollox zbaljat u jikkostitwixxi *miscarriage of justice* serju bizzejjed ghax bil-fors influwenza negattivament lill-gurati. Huwa minnu li wiehed ma jistax juza l-imaginazzjoni jekk wiehed huwa mhedded u jippretendi li ghandu dad-dritt u l-iehor, izda wara li l-appellant ghadda minn esperjenza fejn kien gia` gie mhedded b'arma tan-nar anqas minn erbgha u ghoxrin siegha qabel l-incident, u *una volta* kien hemm provi

bizzejjed biex jindikaw li kellu kull ragun jahseb li hajtu kienet mhedda, ma kien hemm xejn immaginarju, anzi kien ragonevoli jekk hu haseb li dak l-oggett li hass ma wiccu kien arma tan-nar – wara kollox dak il-hin kien qed jigi aggredit minn min kien heddu li joqtlu!. Il-fatt jekk effettivament kienitx arma tan-nar huwa rrelevanti, ghaliex jekk l-aggressur tah x'jifhem li kien jew kien probabbli li l-appellant li fehem li kien hemm arma tan-nar f'idejn l-aggressur dan wahdu kien jintitolah jipprova jiddefendi lilu nnifsu. Din ma kinetx immaginazzjoni fiergha izda wahda ragunata fic-cirkostanzi kif zviluppaw dak in-nhar. Wiehed ma jistax jistenna li f'emergenza bhal dik, meta qed tigi aggredit, tieqaf biex ticcekja sew jew tistaqsi lill-aggressur x'poggilek ma wiccek! Wiehed irid izomm f'mohhu l-*forma mentis* ta' l-appellant, anki meta wiehed ragonevolment wara l-incident ikollu dubbju jekk kienx hemm arma tan-nar, dak il-hin ma kien hemm xejn stramb jew immaginarju, ghall-appellant biex ma jahsibx li dik li hass ma wiccu kienet hemm arma tan-nar.

**<u>(II) L-AGGRAVJU DWAR IL-PROVI</u>**

L-esponenti issa ser jaghmel sottomissjonijiet fuq l-ewwel aggravju tieghu u jilmenta mill-ewwel li assolutament ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragonevoli tasal ghall-konkluzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragjonevoli.

L-appellant jissottometti illi:-

(a) Numru ta' xhieda raw kif John sive Ganni Mamo kien aggressiv fil-konfront tal-appellant fil-gurnata ta' l-incident u ftit qabel l-incident finali. M'hemm l-ebda dubju li l-argument finali kien bdieh John sive Ganni Mamo u kien aggressiv ghall-ahhar, u uza kliem offensiv u dispregattiv kontra l-mara ta' l-appellant. Sa mumenti qabel l-appellant kien qed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni billi jghidlu li kien se jhallsu l-flus li John sive Ganni Mamo kien qed jitlob.

(b) Il-fatt li l-appellant kellu xi incidenti ma' John sive Ganni Mamo, li fil-lejl ta' qabel l-incident, jigifieri fit-22 ta'

Dicembru 1993, fejn kien hemm theddida serja fuq hajtu billi John sive Ganni Mamo hareg arma tan-nar u spara tir. Dan bla dubju kellu effett fuq l-appellant, li minn hemm 'il quddiem kien imwerwer.

(c) Fil-gurnata in kwistjoni l-ewwel inkontru li l-appellant kellu ma John sive Ganni Mamo kien wiehed ta' tensjoni, aktar tard John sive Ganni Mamo mar id-dar ta' l-appellant u mill-ewwel ta' daqqa ta' sieq fil-bieba tal-karozza.

(d) Fir-remissa kompla t-theddid u l-glied kontra l-appellant, tant li l-appellant meta hareg mir-remissa fl-okkazzjoni haseb li jkun l-ahjar li jaqla' bicca hadida minn ma' sigra, ghal li jista' jinqala', meta kien jaf ben tajjeb li John sive Ganni Mamo kien bniedem perikoluz u bniedem li jasal ghal kollox.

(e) Fil-mument ta' l-incident finali l-esponent rega' gie aggredit sew verbalment u anki fizikament; hajtu kienet fil-perikolu u ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li johrog il-hadida li kien ha qabel u jiddefendi ruhu biha biex iwaqqaf l-aggressjoni li kienet qed theddidlu hajtu jew li kellu ragun jahseb li kienet qed theddidlu hajtu. Fil-fatt, l-ewwel reazzjoni kienet li jipprova jidhol fir-remissa ta' Victor Cassar, izda meta dan ta' l-ahhar irrifjuta mar jigri boghod minn hemm.

L-esponent jirrizerva illi fil-kors tat-trattazzjoni jidhol aktar fid-dettal dwar il-fatti peress li kif diga` spjega t-traskrizzjonijiet ghad mhux disponibbli kollha. Is-sottomissjoni tieghu, pero`, hija li certament u minghajr ebda ombra ta' dubbju, ebda gurija ragonevoli ma setghet teskludi l-legittima difiza.

**(III) IL-PIENA.**

Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra li jissemmew dwar il-htija, qed jigi sottomess illi ghalkemm il-verdett ma kienx unanimu dwar l-ewwel u uniku Kap tal-Att tal-Akkuza, u minkejja dak li tipprovdi il-ligi, l-ewwel

Onorabbli Qorti xorta wahda kkundannat lill-appellant ghal sentenza ta’ l-prigunerija ta’ sittax-il (16) sena. Fil-fehma tal-appellant, konsidrati c-cirkostanzi, u partikolarment li dan ma kienx xi incident li fittxu hu imma ncident li fih gie travolat bla ebda tort tieghu minn persuna ta’ karattru hazin u vjolenti li aggredih u anki tterrorizzah, il-piena inflitta hija wahda eccessiva. Fil-kors tat-trattazzjoni ser isiru wkoll sottomissjonijiet ohra in sostenn ta’ dan u anki dwar cirkostanzi relattivi ghall-persuna tal-esponent u cirkostanzi familjari tieghu li jimmilitaw favur riduzzjoni tal-piena f’kaz li jkun hemm konferma tal-htija.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jigu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li gew elaborati fir-rikors ta' appell.

Illi konsegwentement, din il-Qorti ser tibda l-ewwel billi tikkunsidra l-allegata irregolarita` matul il-kawza li huwa l-aggravju fil-paragrafu tlieta (3) ta’ l-appellant. Dan l-aggravju l-appellant jaqsmu fi tnejn. L-ewwel parti ta’ dan l-aggravju jikkoncerna l-punt meta l-appellant jghid illi “*fil-kors tal-guri saru bosta zbalji w irregolaritajiet procedurali b’tali mod li l-imputat ma kellux “a fair trial” u dan wahdu ghandu jkun bizzejjed biex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ dan l-appell*”.

Illi l-istess appellant ikompli jelabora dwar dan l-aggravju billi jghid illi huwa kien talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex ikun jista’ jipproduci xhud gdid li seta’ jitfa’ dawl gdid fuq il-verita` tal-fatti, li wara kollox hija l-iskop principali tal-guri, cioe` dik tar-ricerka ghall-verita.

Illi dwar din l-ewwel parti tal-imsemmi aggravju ta’ l-appellant jinghad illi l-appellant ma kellux “*a fair trial*” u dan peress illi Paul Spagnol ma thalliex jixhed waqt il-proceduri sabiex jikkontradici dak li kienet qed tixhed dwaru Veronica Galea dwar John sive Ganni Mamo. L-appellant ighid illi huwa kien talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex ikun jista’ jipproduci xhud gdid, li seta’ jitfa’

dawl gdid fuq il-verita` tal-fatti, li wara kollox hija l-iskop principali tal-guri, cioe` dik tar-ricerka ghall-verita`, izda b'digriet taghha tal-11 ta' Ottubru, 2001, dik l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tieghu *stante* li din ix-xiehda kienet ser tammonta ghal *'hearsay evidence'*.

Illi pero` w in rejalta` jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qalitx semplicement li t-talba tal-allura akkuzat sabiex jipproduci lil Paul Spagnol bhala xhud ma kenitx qieghda tigi accettata biss ghaliex ix-xiehda tieghu kienet ser tammonta ghal *'hearsay evidence'*. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-imsemmi digriet tal-11 ta' Ottubru, 2001 u tghid illi ghalkemm huwa minnu li dik l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi "*ix-xhieda mitluba la hija relevanti ghax fil-maggor parti taghha hija 'hearsay evidence' (u dan, din il-Qorti [jigifieri il-Qorti Kriminali] tistqarru ben konxja tad-distinzjoni li giet introdotta fil-gurisprudenza taghna bejn ir-relevanza u l-ammissibilita tal-prova)"*, dik l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti kompliet izzid tghid illi *"fl-istess waqt tista tikkreja pregudizzju serju lil parti l-ohra peress illi t-talba qamet kwazi ghal kollox improvvizament u l-parti l-ohra bid-diffikolta` sejra jkollha l-opportunita li tikkombattiha"*. Illi din il-Qorti rat l-imsemmi digriet moghti dwar dan ix-xhud u ma ssib xejn x'ticcensura fir-rigward tieghu. Kif ben tajjeb qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-**subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 440** jghidu testwalment:

"*(3) Ebda xhud, dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-noti jew li ma jkunux gewipprezentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jingieb fil-kawza minghajr permess specjali tal-qorti.*

*(4) Dan il-permess jinghata biss meta jinstab li l-prova hija rilevanti, u l-Avukat Generali jew l-akkuzat ma jkunx bata hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-prezentata ma tkunx saret fiz-zmien specifikat fl-artikolu 438."*

Illi allura, s-**sub-artikolu (4) tal-artikolu 440** jipprevedi l-akkoljiment ta' tali talba taht is-segwenti rekwiziti:-

(i) Il-prova hija rilevanti.

(ii) L-Avukat Generali ma jkunx bata pregudizzju.

(iii) L-akkuzat ma jkunx bata pregudizzju.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sejset il-fehmiet taghha fuq l-ewwel zewg aspetti u cioe` r-rilevanza tal-prova u fuq il-fatt jekk bil-produzzjoni ta' dan ix-xhud Paul Spagnol kienx ser ibati pregudizzju l-Avukat Generali. Interessanti illi fl-ahhar parti tad-digriet taghha, dik l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Jinghad f'dan ir-rigward u bir-rispett u s-simpatija kollha dovuta lejn id-difensur tal-akkuzat li ha biss konjizzjoni tal-atti ftit xhur ilu illi l-iskop ta' din ix-xiehda hija biex tirribatti partijiet mix-xiehda li tat viva voce quddiem din il-Qorti ix-xhud Veronica Galea. F'din il-parti tax-xiehda, pero`, minkejja li mhux forsi f'partijiet ohra din ix-xhud tikkonferma dak li xehdet minghajr tibdil sostanzjali quddiem il-Magistrat fil-kompilazzjoni fl-4 ta' Jannar, 1994 xejn anqas ghalhekk minn seba' snin ilu u ghalhekk l-akkuzat kellu oltre minn zmien sufficjenti biex jezamina din ix-xiehda u jirribattiha f'dan il-process bil-prova li issa f'daqqa w improvvizzament qed jitlob".*

Illi dan ifisser li minbarra li l-Ewwel Onorabbli Qorti mxiet mal-istess artikolu appena citat sabiex tat ir-raguni taghha legalment ghaliex hija kienet qieghda tichad din it-talba, hija kompliet tissoda ragunament tad-decizjoni taghha, apparti li qalet illi jista' jkun li din ix-xiehda taqa' taht '*hearsay evidence'*, billi gibdet ghall-attenzjoni tal-istess akkuzat il-fatt li huwa bhala akkuzat, u llum l-appellant odjern, kellu kemm-il darba opportunita` fuq medda ta' snin sabiex jindika lil dan ix-xhud Spagnol bhala xhud li huwa ried jipproduci. Ghalhekk deher palez u ovvju li x-xiehda ta' dan ix-xhud ma qamitx il-htiega taghha proprju dak il-hin stess meta saret it-talba ghall-ewwel darba waqt il-guri.

Illi inoltre jinghad li waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-abbli difensur tal-appellant qanqal il-kwestjoni li d-Digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-11 t'Ottubru 2001, dwar l-

ammissibilita` f’dak l-istadju ta’ Paul Spagnol bhala xhud tad-difiza, kien milqut minn zball li gab pregudizzju lill-akkuzat dwar smiegh xieraq. Huwa jistrieh fuq id-disposizjonijiet tal-**artikolu 440 (5) tal-Kodici Kriminali** biex isostni din il-fehma. Dik id-disposizzjoni taghti setgha lill-Qorti li, minn rajha, tordna li jissejjah b’xhud xi hadd li ismu ma jkunx inghata fin-nota skond l-**artikolu 438**. Il-kriterju li jorbot lil dik il-Qorti li tuza d-diskrezzjoni taghha hu dak li jkun “*jinsab li hu mehtieg jew utili li jinstema’ xi xhud*”. Issa, ladarba l-ewwel Onorabbli Qorti mmotivat l-imsemmi digriet taghha, kif fuq inghad, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jista’ fis-sewwa jibqa’ jinsisti li l-ewwel Qorti ghamlet/wettqet zball li gab pregudizzju ta’ smiegh xieraq. Din il-Qorti, ghall-kuntrarju, ssib li l-ewwel Onorabbli Qorti wzat fil-qies u kif imiss id-diskrezzjoni taghha dwar it-talba tad-difiza, u ma ssibx li hemm raguni tajba biex ticcensuraha jew tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti b’taghha. Ghaldaqstant dan l-ilment huwa nfondat.

Illi t-tieni punt imqajjem f’dan l-aggravju ta’ l-appellant jikkoncerna s-“*sample*” li l-ewwel Onorabbli Qorti tat lill-gurati biex tassistihom sabiex jilhqu u jsawwru d-decizjoni taghhom dwar il-verdett taghhom, inkluz fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghhom, u hawn qed issir riferenza ghal dik illi l-appellant isejjah bhala t-tieni opzjoni. L-istess appellant ighaddi biex jitkellem imbaghad dwar l-**artikolu 223 tal-Kodici Kriminali** u dan in konnessjoni ma l-imsemmija tieni opzjoni.

Illi jigi nnutat li l-verdett kampjun li l-appellant isejjahlu “*sample*” jghid hekk:-

*1. “Hati skond l-att ta’ l-akkuza ta’ omicidju volontarju.*

*2. Hati ta’ omicidju volontarju skond l-att ta’ l-akkuza, liema htija pero` hija gustifikata mid-difiza legittima’.*
*3. Hati ta’ l-att ta’ l-akkuza ta’ omicidju volontarju bl-iskuzanti tal-legittima difesa oltre pero` l-limiti imposti mill-ligi jew mill-bzonn.*

*4. Hati ta' l-att ta' l-akkuza ta' omicidju volontarju bl-iskuzanti tal-legittima difesa oltre pero` l-limiti imposti mil-ligi jew mill-bzonn, liema eccess sar minhabba li l-akkuzat inhasad, beza' jew twerwer".*

Illi dwar il-verdett kampjun bin-numri wiehed (1), tlieta (3) u erbgha (4) ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom u *di fatti* kull ma jissemma' mill-appellant huwa t-tieni verdett *"sample".*

Illi din il-Qorti thoss illi dan l-argument ta' l-appellant ma jistax ireggi u dan ghal raguni wahda u semplici. L-argumentazzjoni ta' l-appellant hija li l-gurati gew indotti fi zball meta raw din it-tieni (2) opzjoni fil-verdett kampjun. Ighid l-appellant illi l-gurati zgur li ma gewx diretti biex jifhmu illi bil-legittima difiza huma kienu fid-dover li jirritornaw verdett ta' mhux hati peress li agixxa in legittima difiza.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tarax kif il-gurati setghu gew hekk indotti anke meta qraw it-tieni opzjoni li kien hemm fuq il-verdett kampjun. L-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri spjega sew il-kuncett legali tal-legittima difiza.

Illi l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri fir-rigward tat-tezi imressqa mill-appellant, allura akkuzat, waqt l-Indirizz tal-guri *f'Tape 30 Side A* qal illi:-

*"Nibdew billi qabel xejn nistabilixxu dak li huwa principju kardinali w universali mhux biss fis-sistema legali taghna, pero` fis-sistemi kollha ezistenti tad-dinja, li hija li l-hajja tant hija prezzjuza, li hadd ma ghandu dritt li jiehu il-hajja ta' hadd f'idejh u joqtol lil dik il-persuna. U dan irid jinghad minkejja illi f' xi okkazzjonijiet dan il-qtil jista' jkun wiehed skuzat, ma huwa qatt gustifikabbili nonstante it-theddid, umiljazzjoni jew kwalunkwe haga negattiva ohra li persuna tkun sofriet bil-komportament tal-persuna l-ohra".*

*"Illi l-unika eccezzjoni ghal din ir-regola huwa proprju l-ewwel difiza mqajma mill-akkuzat li hija dik tal-legittima difesa, dak li l-inglizi rajtu jsejhu "Self-defence" – ghaliex*

*kif tajjeb gia intqal lilkom skond l-**artikolu 223 tal-Kodici Kriminali** taghna dan il-qtil, dan l-omicidju, ma huwiex fil-kazi ikkontemplati taht dan l-artikolu ikkonsidrat bhala reat mill-ligijiet ta' pajjizna. L-artikolu infatti jghid – Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna, huma ordnati jew permessi mill-ligi, jew minn awtorita' legittima jew – u din t-tieni parti hija l-aktar li tikkoncernana, - jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor".*

*"Illi mela allura l-ligi tipprovdi illi meta bniedem isib ruhu f'dawn ic-cirkostanzi u ma jista' jaghmel xejn aktar biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' min qed jaggredih, il-ligi tipprovdi ghal din l-eccezzjoni fejn bniedem ikun jista' jiehu l-hajja ta' haddiehor minghajr ma jkun ikkommetta reat".*

Illi hawnhekk, l-istess Onorevoli Mhallef dahal biex jispjega x'kien il-kuncett tal-legittima difiza. Finalment ighid l-istess Imhallef illi:

*"jekk intom ghalhekk tkunu konvinti imqar sal-grad tal-probabbili, ghax wara kollox id-difiza, l-akkuzat, tista' tasal biss jekk trid sa dak il-grad, jekk intom temmnu li dawn kienu probabilment kif graw l-affarijiet, <u>allura ma ghandkomx issibu lill-akkuzat hati ta' omicidju volontarju ghaliex ikun agixxa fid-difiza legittima tieghu, li ma huwiex reat</u>"* [sottolinejar ta' din il-Qorti]. B'dan jidher li mhux biss huwa ghal kollox inkorrett li jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma spjegatx il-kuncett ta' legittima difiza, izda huwa nkorrett ukoll li jinghad li l-gurati ma giex spjegat lilhom sew il-kuncett ta' *legittima difesa,* anzi jidher li mill-kumpless ta' l-Indirizz kollu tal-ewwel Qorti dan gie spjegat ripetutament u b'mod konsistenti mal-ligi kemm sostantiva u kemm procedurali.

Illi ma' dan wiehed izid li fil-gurisprudenza nostrana jinghad illi fil-konsiderazzjoni tal-kuncett tal-legittima difiza *"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima*

*difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could"* (**"Repubblika ta' Malta vs Martina Galea"** deciza fl-14 ta' Jannar, 1986 - Kollezz. Vol. LXX.v.604).

Illi anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. *Difatti* fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Salvu Psaila"** deciza fid-9 ta' Novembru, 1963 (per Onor. Imh. A.V. Camilleri) inghad illi:-

*" … l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jirciev i l-vjolentat eppure min bl-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita` pjena jew shiha;*

*2) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

3) *Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova l-legittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita` u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjonalita`."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro"** deciza fis-26 ta' Awissu, 1998 intqal minn dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) illi:-

*"Mhux kull min 'jagixxi biex jiddefendi ruhu' necessarjament jista' jinvoka dan l-Artikolu [b'referenza ghal artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta]. Il-ligi*

*titkellem car dwar il-'bzonn attwali tad-difiza legittima' ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormaj stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element tal-inevitabilita` jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."*

Illi kif tajjeb intqal minn ***Lord Justice Widgery*** fil-kawza **"R vs Julien"** ([1969] 1 WLR 839):

"*It is not … the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious".*

Illi din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-gurisprudenza hawn fuq enuncjata mill-Qrati nostrani matul is-snin, ezaminat l-Indirizz moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u rat il-verdett kampjun hawn fuq indikat ma ssib xejn x'ticcensura, anke ghaliex dak l-istess kampjun ghalkemm mhux ghal kollox felici fid-dicitura tieghu dwar il-lamentela tal-appellant odjern, irid dejjem jittiehed fil-kuntest tal-procedura kollha tal-guri li sar u in partikolari tal-indirizz kollu li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti lill-gurati, u b'riferenza ghal dan ta' l-ahhar, fl-istess Indirizz hemm spjegazzjoni korretta tal-istess kuncett ta' *legittima difesa* propost ghall-konsiderazzjoni taghhom, b'mod li jista' jinghad li l-istess kuncett kien spjegat fid-dettal u legalment preciz mill-istess Qorti, u ghalhekk il-gurati kienu gew sewwa indirizzati fuq l-istess u li konsegwentement dan kien afferrat sew minnhom fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghhom, u dan kollu qed jinghad

ukoll bl-isfond ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 501 tal-Kap 9,** li dwaru ser jinghad iktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Illi fil-fatt l-appellant odjern ukoll jissottometti u jallega li twettqu xi "*irregolaritajiet waqt il-guri*". Illi din il-Qorti tifhem illi l-appellant qieghed jirreferi ghal dak li jghid is-**subartikolu (1) tal-artikolu 501 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi li:-

*"(1) Fuq appell kontra dikjarazzjoni ta' htija l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha tilqa' l-appell –*

*(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; jew*

*(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarita` matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:*

*Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja".*

Illi dwar dan l-artikolu tal-ligi dawn il-Qrati diga` kellhom l-okkazzjoni li jesprimu ruhhom f'diversi sentenzi. Fost dawn insibu s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Lawrence Pullicino"** deciza fil-15 ta' April, 1994 li qalet illi:-

*"ghalkemm il-ligi taghna fl-artikolu 501(1) (b) tal-Kodici Kriminali (Kap 9) juza il-kliem "irregolarita` tul il-kawza" , din l-irregolarita` trid tkun wahda materjali, u cioe`, ta' certa portata. Dan jemergi mill-kliem l-iehor li l-istess artikolu juza u cioe` "li seta' kellha influwenza fuq il-verdett". Din hi ukoll il-posizzjoni kif tirrizulta mill-gurisprudenza - vide sentenzi ta' din il-Qorti in re "**Regina vs Joseph Debattista**" - 14.9.1973, "**Regina vs Anthony Degiorgio**" - 28.12.1971, "**Regina vs Anthony Said**" - 6.7.1977, "**Regina vs R.Fenech de Fremaux**" - 15.7.1974, "**Regina vs E. Vella**" 13.8.1969 u ohrajn, minn*

*fejn jidher car li il-qrati taghna dejjem hadu l-linja li l-irregolarita` lamentata trid tkun wahda materjali biex twassal ghat-thassir tal-verdett."*

*"Illi principju iehor ta' importanza huwa, li fejn hu possibbli, l-irregolarita` ghandha tirrizulta mill-verbali tal-atti processwali u li fejn kien possibli ghad-difiza li tirregistra l-opposizzjoni taghha dan tkun ghamlitu - vide appelli in* ***re "Degiorgio u Fenech de Fremaux"*** *citati supra".*

*"Illi f'dan l-istadju tas-sentenza, din il-Qorti ghandha kompitu difficli x'tesegwixxi u cioe` trid tiddeciedi jekk fit-termini tal-proviso tal-****artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9),*** *una volta stabbilit diga` li kien hemm xi irregolaritajiet matul il-kawza, saritx bhala konsegwenza taghhom amministrazzjoni hazina tal-gustizzja cioe` kienx hemm "miscarriage of justice". Kif hu saput, dan il-proviso, gie introdott fl-artikolu imsemmi bl-Att XXVII tal-1975 u mill-Parliamentary Debates tas-seduta numru 405 tas-16 ta' April, jidher car li l-idea wara l-introduzzjoni ta' dan il-proviso kienet proprju biex il-ligi taghna tkun identika kemm jista' jkun ghal dik Ingliza 'in materia'".*

Illi f'dan l-ezercizzju t-*test* huwa jekk effettivament jistax jinghad li minkejja l-mankanza jew mankanzi li setghu jirrizultaw li saru fil-kors tal-guri, hemmx b'dan kollu kaz qawwi bizzejjed kontra l-appellant biex gurija ragonevoli, proprjament diretta, kienet xorta wahda tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija (*Vide* f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Awwissu, 1978 in re **"Ir-Repubblika vs Jeannette Brincat"**).

Illi essenzjalment, ghalhekk, fil-verita` hemm konvergenza bejn dan l-aspett ta' *"miscarriage of justice"* u dak ta' jekk l-appellant giex misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza li kif inghad fil-parti inizjali ta' din is-sentenza huwa ukoll wiehed mill-aggravji tal-appell.

Illi kif jispjega l-***Archbold,*** fil-ktieb tieghu ***Pleading Evidence and Practice in Criminal Cases***, (42nd Edit, 13-3): *"In many decisions of the Court of Appeal the issues of whether a conviction is safe and satisfactory and*

*whether there may have been a miscarriage of justice have merged with each other. The correct approach, it is submitted, is that of Viscount Dilhorne in* ***Stafford v. D.P.P.*** *(1973) 3 W.L.R. 719, 725, H.L.: once the conviction has been held to be unsafe or unsatisfactory there can be no question of holding that there has been no miscarriage of justice. However, in considering, the most common ground of appeal at all, namely some form of misdirection, a ground of appeal which comes within paragraph (a), there are now well settled principles as to when the proviso should be applied. It is not necessary that the Court of Appeal should be satisfied that no jury properly directed could have acquitted the appellant: the proviso may be applied if the Court of Appeal is satisfied that, on the whole of the facts and with a correct direction, the only reasonable and proper verdict would have been one of guilty:* ***R. v. Haddy*** *(1944) 29 Cr. App. R. 182 C.C.A. This test was adopted by the House of Lords in* ***Stirland v. D.P.P.*** *(1944) 30 Cr. App. R. 40 and has been applied by the Court of Appeal in many subsequent decisions."*

Illi kwantu jirrigwarda irregolaritajiet fil-kors tal-kawza l-***Archbold*** fl-istess kuntest jikkwota lil ***Lord Widgery C.J***. in re **"R. v. Pilcher and other"** ((1974) 60 Cr. App. R. 1) fejn jinghad li:-

*"the same point has been made in different language over and over again ... the court must not apply the proviso unless it is quite clear that in the absence of the irregularity the consequence of the case would have been the same."*

Illi din il-Qorti wara li rat il-gurisprudenza kostanti u kopjuza in konnessjoni ma' dan l-aggravju ta' l-appellant u wara li ezaminat l-atti processwali u l-provi kollha in konnessjoni ma' l-istess tasal biex tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda irregolarita` waqt il-guri, b'mod li fl-isfond ta' dak premess skond id-dettami tal-ligi, dawn l-aggravji kollha tal-istess rikorrenti, l-appellant odjern, jirrizultaw li huma fattwalment u wisq aktar legalment infondati, b'mod

li ghalhekk l-appellant ma jistax jilmenta u jibbenefika minn dan l-artikolu tal-ligi.

Illi anke jekk ghas-sahha ta’ l-argument kien hemm xi irregolaritajiet u *dato ma non concesso*, li dan jirreferi biss u fis-sens uniku li l-indikat kampjun ma kienx ghal kollox preciz fl-esposizzjoni tieghu, jidher car fid-dawl kollu ta’ dak fuq espost li mhux kull irregolarita’ ghandha ggib il-process tal-guri fix-xejn. L-irregolarita’ dejjem trid tkun wahda materjali, u cioe`, ta' certa portata, b’mod li din setghet taffettwa b’mod sostanzjali w effettiv id-determinazzjoni tal-istess guri. Invece mill-kumpless ta’ l-atti kollha tal-istess procediment quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minn ezami tal-atti kollha processwali, kemm dawk procedurali u kemm dawk sostantivi, jirrizulta b’mod definittiv u konkludenti li dan mhux il-kaz fil-kaz odjern, u ghalhekk l-istess ilmenti tal-appellant qed jigu lkoll rigettati minn din il-Qorti. Ghaldaqstant it-tielet aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi michud.

Illi din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju ta’ l-appellant. L-appellant jispjega u jaqsam dan l-aggravju f’zewg punti principali. L-oggett komuni f’dan l-aggravju hija l-allegazzjoni li l-Indirizz ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti kien inkorrett. Dan l-appellant qed isostnieh ghaliex fl-ewwel lok meta gie spjegat il-kuncett tal-grad tal-prova mill-prosekuzzjoni ta’ “lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni” dan ukoll ma giex spjegat bid-debita korrettezza, u fit-tieni lok qed jissottometti li ma giex spjegat mill-Ewwel Qorti l-element ta’ l-intenzjoni fil-legittima difiza.

Illi dwar it-tieni punt imqajjem mill-appellant u cioe` li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma spjegatx l-intenzjoni fil-legittima difiza, kif diga` nghad aktar il-fuq din il-Qorti ma tarax li dan l-argument hu sorrett mill-atti proceswali. Kif diga` gie ndikat f’din l-istess decizjoni, l-elementi indikati mill-guristi nostrani, kollha gew indirizzati mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta hija ndirizzat lill-gurati w allura din il-Qorti ma tarax in-necessita` li tkompli telabora fuq dan il-punt imressaq mill-appellant, u tirreferi ghal dak li nghad u anke gie kwotat mill-Indirizz tal-Ewwel Qorti iktar ‘il fuq.

Illi l-ewwel punt ta’ l-appellant huwa illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, meta giet biex tindirizza lill-gurati dwar il-kuncett tal-grad tal-prova rikjest mill-ligi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha, hadet zball.

Illi l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **“Pulizija vs Bugeja”,** tas-26 ta’ Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista’ tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta’ gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **“Pulizija vs Peter Ebejer”** deciza fil-5 ta’ Dicembru, 1997 qalet illi:-

*“Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***“Miller v. Minister of Pensions”*** *[1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Illi l-appellant ighid illi dan il-kuncett gie spjegat mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-Indirizz li hija tat lil gurati, pero` dan il-kuncett ma giex *"ripetut u ripetut diversi drabi tul il-kors tal-guri biex jissammar darba ghal dejjem f'mohh il-gurati".*

Illi bir-rispett kollu, ma kienx il-kompitu tal-Ewwel Onorabbli Qorti li *"ssammar"* dan il-kuncett f'mohh il-gurati. L-Ewwel Onorabbli Qorti spjegat x'kien il-kuncett tal-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Spjegat ukoll illi kienet il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u li *"t-tezi taghha hija dik li mhux probabbilment biss grat pero` li intom f'mohhkom ma ghandkomx dubbju mnissel mir-raguni taghkom li effettivament hekk sar".* Din il-Qorti tkompli biex tghid illi saret l-enfazi necessarja sabiex il-gurati jkunu konxji tad-dover taghhom li jgharblu sewwa l-provi sabiex bl-iskrutinju taghhom jiddeterminaw jekk il-provi tal-prosekuzzjoni kinux in effetti jwasslu ghall-konvinzjoni taghhom dwar il-htija ta' l-akkuzat. Gie anke spjegat tajjeb il-grad ta' prova li l-akkuzat irid jasal ghalih wkoll fil-kuntest tal-provi kollha prodotti.

Illi l-appellant, meta wiehed jaqra b'mod akkurat ir-rikors ta' l-appell tieghu, donnu qed jimplika li kien hemm xi *"misdirection"* da parti ta' l-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri. Illi l-**Artikolu 465 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi:-

*"Meta l-akkuza u d-difiza jaghlqu l-parti taghhom, l-imhallef jaghmel Indirizz lill-guri, li bih ifissirlu x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' l-akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri, u jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu*

*mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex tregi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu".*

Illi dwar dan l-artikolu tal-ligi din il-Qorti diga` kellha f'iktar minn okkazjoni wahda opportunita` tispjega l-portata tieghu. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta' April, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Repubblika ta' Malta vs Dr. Lawrence Pullicino"** inghad illi:-

*"Qabel tibda, pero`, din il-Qorti tara li minhabba li issa diehla fil-parti rigwardanti allegati "misdirections" mill-Onorevoli Imhallef li ppresjeda il-guri, huwa opportun hafna jigi riprodott hawn dak li qal Lord Alverstone C.J. in re **"R. v. Stoddart"** (1909) 2 Cr.App.R. 217 u li jirrispekkja ukoll il-mod kif thares lejn il-problema tal-"misdirections" din il-Qorti:*

*"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days would fail to be open to some objection ... ... Every summing up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."*

Illi fit-termini tal-**artikolu 465 tal-Kodici Kriminali (Kap 9)** il-funzjoni tal-Imhallef fil-guri fl-istadju tal-Indirizz, hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-Att ta' l-Akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri, u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u

l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Illi huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja tal-Indirizz u *del resto* tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe`, li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess Indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, li huwa l-istess Imhallef li huwa bilancjat fir-rigward tal-htija *o meno* tal-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utli jigi riportat hawn dak li qal ***Lord Hailsham*** L.C. in re **“R v. Lawrence”** (1981) 73 Cr. App.R. 1,5) f'dan ir-rigward:-

*"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts.”*

Illi huwa evidenti li dan il-principju bazilari ta' "*fairness*" jigi stultifikat u znaturat jekk l-Indirizz ikun ixaqleb lejn il-htija tal-akkuzat jew jekk it-tezi tad-difiza ma tinghatax l-importanza li tkun timmerita jew tinghata indebitament iktar importanza lit-tezi tal-prosekuzzjoni jew finalment jekk l-Indirizz ihalli lill-gurati nieqsa minn dak li hu essenzjali li jkunu jafu biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'certa serenita`.

Illi dan kollu qieghed jigi premess ghaliex ghalkemm wiehed jista’ jinnota li l-Ligi taghna fl-**artikolu 465 tal-Kodici Kriminali (Kap 9)** ma tghidx espressament li l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jpoggi il-kaz tad-difiza lill-guri, dan hu implicitu f'dak li tghid il-ligi u *del resto* fil-kuncett kollu tal-Indirizz u anki biex din il-Qorti ma thallix dubbju fuq dan.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti meta wiehed jitkellem fuq id-dritt tal-akkuzat li jkollu il-kaz tieghu espost soddisfacentement lill-guri, essenzjalment qed jitkellem fuq zewg necessitajiet: l-ewwel, li l-linja difensjonali addottata tigi ribadita u spjegata lill-gurati b'mod li jifhmuha u t-tieni li ssir riferenza ghall-fatti principali, cioe` ghall-provi saljenti, skond ma c-cirkostanzi ikunu jirrikjedu. Fil-fatt dawn m'humiex hlief iz-zewg nahat tal-istess munita u jikkomplimentaw lil xulxin. Effettivament meta l-**artikolu 465** jirrikjedi li jkun hemm sommarju tal-provi m'hu qed ighid xejn aktar hlief li l- Imhallef ghandu jesponi lill-gurati it-tezijiet rispettivi tal- prosekuzzjoni u tad-difiza.

Illi kwantu jirrigwarda s-sommarju tal-provi, diretti u indiretti, li ghalih jirriferi l-**artikolu 465**, hu evidenti li l-ligi hija konxja li din in-necessita' hija relattiva u hi mehtiega fil-grad li l-kaz partikolari jkun jirrikjedi. Tant hu hekk, li ghalkemm id-dover tas-sommarju qieghed hemm, l-Imhallef hu moghti mill-istess ligi d-diskrezzjoni jara hu fic-cirkostanzi x'inhu mehtieg.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti diga` kellha opportunita' tesprimi ruhha fl-appell in re **“Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Cesare”** deciz fl-14 ta' Gunju, 1988 fejn intqal *inter alia* li:-

*"Illi jigi rilevat mill-ewwel illi l-Ligi ghal dak li hu sunt tal-provi thalli fid-diskrezzjoni assoluta tal-Imhallef li jkun qed jippresjedi il-guri li jiddeciedi x'inhu mehtieg fic-cirkostanzi tal-kaz u dan ghal ragunijiet ovvji. Fl-ewwel lok jinghad li bejn per ezempju guri li jkun ha hafna zmien u li allura jista' jkun jirrikjedi sunt li jirrinfreska il-memorja u guri bhal dak in ezami li jkun ha ftit granet hemm diga differenza intrinsika. Inoltre minhabba il-fatt li l-provi huma settur li jridu jgharbluh u jiddeciduh il-gurati biss, hu imperattiv li jithalla f'idejn l-Imhallef sedenti jiddeciedi kemm u safejn ghandu jidhol fil-provi specjalment tenut kont tal-perikoli inerenti ghal tali ezercizzju li jista' jinfluwenza lill-guri li jattribwixxi importanza akbar ghal certi provi milli ghal ohrajn li ma jissemmewx fl-Indirizz."*

Illi f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet ukoll ghamlet riferenza ghal sentenza Ingliza cioe` **"R. v. Attfield"** ((1961) 45 Cr.App.R. 309) rapportata fl-***Archbold: "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases"***, (42nd Ed, 4-423 u 7.21) u cioe` li:-

*"In a complicated and lengthy case it is incumbent on the judge to assist the jury by dealing with the salient features of the evidence, but in a short case and one in which the issue of guilt or innocence can be simply and clearly stated, it is not necessarily a fatal defect to a summing up that the evidence has not been discussed."*

Illi fil-fatt hemm diversi sentenzi ohra Inglizi li jistghu jigu citati (*vide* per ezempju **"R. v. Porritt"** ((1961) 45 Cr.App.R. 348) **"R. v. Tillman"** ((1962) Crim.L.R. 261 u **"R. v. Hamilton"** (1972) Crim.L.R. 266) u essenzjalment il-principju li jirregola l-materja huwa dak li intqal in **"R. v. Finch"** ((1917) 12 Cr.App.R.77) u cioe` li:-

*"As a general rule the Court of Appeal will quash a conviction where the jury ought to have had the assistance of the Judge's direction upon a material aspect and he failed to give it to them." (Vide* ***Archbold*****:** ***Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases****,* 42nd Ed, 4-423).

Illi nghad ukoll fl-imsemmija kawza ta' **"Repubblika ta' Malta vs Dr. L. Pullicino"** li:-

*"fl-Indirizz tieghu, f'dan il-kaz, l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri ma ddedikax parti "ad hoc" mill-Indirizz tieghu biex jissomma il-provi u jindirizza il-guri fuqhom - haga li del resto mhix espressament rikjesta mill-Ligi - kif hu veru ukoll li anki fil-generalita' tieghu, fl-Indirizz ma dahalx fid-dettal tal-provi, fis-sens li ma qaghadx jirreferi ghal dak li kull xhud qal u jqabbel u jikkonfronta d-diversi xhieda kif fil-fatt ghamlu fit-tul kemm il-Prosekutur kif ukoll id-Difensur. Fil-fatt, f'dan il-kaz partikolari din il-Qorti tara li kien ikun ezercizzju ferm perikoluz, apparti milli mhux prattiku, li kieku saret din ir-rassenja ta' provi, l-ewwel ghaliex hemm dejjem il-perikolu li jissemma fatt u ma jissemmix iehor u t-tieni ghaliex l-Indirizz essenzjalment huwa ezercizzju li m'ghandux ikun laborjuz izzejjed ghal gurati u m'ghandux jigi kondott b'mod li jitwal tant li jispiccaw jiftakru haga u jinsew ohra minn dak li jkun qed jghidilhom l-Imhallef".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"The Republic of Malta vs Steven John Caddick et"** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2003 inghad illi:-

*"It is undoubtedly the duty of the trial judge to outline fairly the case put forward by the defence. How this is done, however, will depend on all the circumstances of the case. As Rosemary Pattenden points out in her work **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990):*

'*Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, **Clayton-Wright** (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New*

*Zealand Court of Appeal stressed in* ***"R. v. Ryan"*** *(per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): 'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.*

*The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).*

u

*"Article 465 of the Criminal Code states, inter alia, that when addressing the jury the trial judge should sum up, "in such manner as he may think necessary, the evidence of the witnesses and other concurrent evidence". As has already been pointed out, this cannot be interpreted as an obligation to rehearse all the evidence or all the arguments. … It may be opportune in respect of appellants' first grievance to point out also what Simon Brown, L.J. said in* ***"R. v. Nelson"*** *[1997] Crim. L. R. 234, CA (as quoted in* ***Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001*** *(p. 457 para. 4-376):*

*"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the*

*judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."*

Illi ghalhekk meta wiehed jara l-Indirizz moghti mill-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri din il-Qorti ma tara xejn x'jista' jigi ccensurat u li dan l-Indirizz kien fih l-elementi kollha rikjesti mill-ligi.

Illi aggravju iehor ta' l-appellant jirrigwarda l-provi prodotti u f'dan ir-rigward, it-tezi ta' l-istess appellanti hija li assolutament ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragonevoli tasal ghal konkluzjoni ta' htija *oltre* d-dubbju ragjonevoli. L-appellant imbaghad ighaddi biex jelenka numru ta' kostatazzjonijiet ta' fatt sabiex finalment ighid illi *"is-sottomissjoni tieghu, pero, hija li certament u minghajr ebda ombra ta' dubbju, ebda gurija ragonevoli ma setghet teskludi l-legittima difiza".*

Illi fuq din il-lamentela tal-appellant din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minn ***Lord Chief Justice Widgery*** fil-kawza **"*R. v. Cooper"*** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza, s. 2(1)(a) tal-***Criminal Appeal Act*****, 1968):**-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of*

*the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case -- including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings -- leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed".* (Ara ukoll ***Blackstone's Criminal Practice (1991)***, p. 1392).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak"** deciza fit-23 ta' Jannar, 2003 minn din il-Qorti nghad illi:-

"*Huwa appena necessarju li jigi rilevat illi hawn qeghdin f'kamp delikat peress li, trattandosi ta' apprezzament tal-provi - ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri - din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurati, inkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx"* (Ara ukoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, fis-7 ta' Marzu, 2000 fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino"**).

Illi inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed"** deciza fil-5 ta' Lulju, 2002 minn din il-Qorti li:-

"*Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn aktar, hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzaha b'*

*taghha, kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, irid ikun in kontradizzjoni manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b' mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala assolutament infondat".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt"** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi:-

"*In effetti l-appell kien u jibqa' bazat fuq apprezzament ta' provi. F'dan il-kuntest din il-Qorti tirribadixxi li l-funzjoni taghha mhix li tezamina l-provi u tara jekk taqbilx mal-verdett tal-gurati, izda li fuq il-bazi tal-provi migbura, tezamina jekk il-gurati setghux ragonevolment jaslu ghal verdett minnhom raggunt. Dan, ghax wara kollox, is-sistema penali taghna li abbraccja s-sistema tal-guri, huwa bazat fuq il-principju li l-akkuzat jigi gudikat ghal dawk li huma fatti mill-gurati, cittadini bhalu, li jekk id-decizjoni taghhom mhix manifestament zbaljata, ghandha tigi rispettata minn din il-Qorti".*

Illi fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament ta' provi, huwa li tezamina il-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti - kif *del resto* gieli ghamlet - tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-verzjoni minnhom emmnuta.

Illi din il-Qorti wara li fliet l-atti processwali, rat u qrat ix-xhieda kollha prodotti, ma jidhirx li hemm xi raguni legalment valida fit-termini appena msemmija ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidew il-gurati bil-verdett taghhom dwar il-htija ta' l-appellant. Il-provi huma tali li abbazi taghhom, u fl-assjem taghhom, il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew. Din il-Qorti hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emmnuti, setghu jiggustifikaw li l-gurati jaslu ghall-konkluzjoni minnhom raggunta.

Din il-fehma tal-Qorti tibqa' tghodd ukoll jekk wiehed jiehu b'qies it-*test* soggettiv ta' l-aspett ta' difiza legittima, kif ipprospetta l-abbli difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni finali tieghu.  Dwar dan it-*test* ressaq il-fehmiet tieghu l-abbli Prosekutur, li wera wkoll kif l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qieset sew din il-perspettiva ta' difiza legittima, u tat direttiva lill-gurati dwarha fl-indirizz taghha.

Illi dan il-hsieb tal-Qorti huwa imsahhah aktar meta hija tara dak li hija diga qalet, *supra,* fir-rigward tal-legittima difiza, u din il-Qorti ma tarax li l-argument imressaq mill-appellant li *"is-sottomissjoni tieghu, pero`, hija li certament u minghajr ebda ombra ta' dubbju, ebda gurija ragonevoli ma setghet teskludi l-legittima difiza"* ghandu xi fondament fattwali u legali. Dan qieghed jinghad anke ghaliex fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant ighid *inter alia* illi, u hawn il-Qorti qed tikkwota *ad litteram* mir-rikors ta' l-appell ta' l-istess appellant illi *"fil-mument ta' l-incident finali l-esponent rega' gie aggredit sew verbalment u anki fizikament; hajtu kienet fil-perikolu u ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li johrog il-hadida li kien ha qabel u jiddefendi ruhu biha biex iwaqqaf l-aggressjoni li kienet qed theddidlu hajtu jew li kellu ragun jahseb li kienet qed theddidlu hajtu. Fil-fatt, l-ewwel reazzjoni kienet li jipprova jidhol fir-remissa ta' Victor Cassar, izda meta dan ta' l-ahhar irrifjuta mar jigri boghod minn hemm".*

Illi hawn tohrog l-intenzjoni cara ta' l-appellant. Li kieku ried jiddefendi ruhu, meta hareg 'il barra minn fejn kien mal-mejjet Ganni Mamo, missu baqa' sejjer lil hemm u

mhux ha l-hadida minn fejn is-sigra (labra tas-suf) u rega' dahal lura, ghaliex hemmhekk kien qieghed jeskludi l-elementi tal-legittima difiza kif spjegati minn din il-Qorti aktar 'il fuq. Illi ghalhekk anke dan l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Illi l-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-piena. Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella"** deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-

"*Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt".*

Illi din il-Qorti tara illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, inkluza n-natura tad-delitt u l-fedina penali ta' l-appellant. *Inoltre* l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karcerarja.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddecied** billi **tichad l-appell tal-appellanti Eleno sive Lino Bezzina** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina"** moghtija mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2001 fl-intier taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------